



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2020  
(OR. en)

12136/20  
PV CONS 26  
AGRI 368  
PECHE 336

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
19 u 20 ta' Ottubru 2020

## **WERREJ**

### **Pàgna**

|    |                               |   |
|----|-------------------------------|---|
| 1. | Adozzjoni tal-aġenda .....    | 4 |
| 2. | Approvazzjoni ta' punti "A"   |   |
| a) | Lista leġislattiva .....      | 4 |
| b) | Lista mhux leġislattiva ..... | 5 |

### **SAJD**

#### **Attivitajiet mhux leġislattivi**

|    |                                                                                      |   |
|----|--------------------------------------------------------------------------------------|---|
| 3. | Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2021 ..... | 5 |
|----|--------------------------------------------------------------------------------------|---|

### **AGRIKOLTURA**

#### **Deliberazzjonijiet leġislattivi**

|    |                                                                                 |   |
|----|---------------------------------------------------------------------------------|---|
| 4. | Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020 .....                              | 6 |
| a) | Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK                                 |   |
| b) | Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK             |   |
| c) | Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli |   |

#### **Attivitajiet mhux leġislattivi**

|    |                                                                  |   |
|----|------------------------------------------------------------------|---|
| 5. | Konklużjonijiet dwar l-"Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt" ..... | 6 |
|----|------------------------------------------------------------------|---|

#### **Affarijiet oħra**

### **Agrikoltura**

|    |    |                                                                                                           |   |
|----|----|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------|---|
| 6. | a) | Proposti leġislattivi attwali .....                                                                       | 7 |
|    |    | Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020                                                              |   |
|    | b) | Attivitajiet lokali ta' tbiċċir u pproċessar .....                                                        | 7 |
|    | c) | Talba biex l-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-Saħħa tal-Annimali (2016/429) tiġi posposta b'sena..... | 7 |

## AGRIKOLTURA

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

4. **(kontinwazzjoni)** Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020 ..... 8
- a) Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK
  - b) Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK
  - c) Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli

### Affarijiet oħra

7. a) Dikjarazzjoni Komuni mill-Kroazja, Franza, l-Ungerija, il-Latvja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri addizzjonali fis-settur taċ-ċanga u l-vitella b'konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19 ..... 8

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ..... 9-17

\*\*\*

## LAQGĦA TAT-TNEJN 19 TA' OTTUBRU 2020

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 11628/1/20 REV 1.

### 2. Approvazzjoni ta' punti "A"

- a) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 11633/1/20 **REV 1**

#### Agrikoltura

1. **Proposta għal regolament dwar il-biedja organika**  11313/20  
*Adozzjoni tal-att leġislattiv* PE-CONS 34/20  
approvat mill-KSA, fit-12.10.2020 AGRILEG

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: Artikolu 43(2) TFUE). Il-Kunsill qabel ukoll dwar id-deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1.

#### Sajd

2. **Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)**  10050/20 + COR 1  
*Approċċ ġenerali parzjali <sup>(1)</sup>* PECHE  
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-14.10.2020

Il-Kunsill laħaq qbil dwar Approċċ Ġenerali Parzjali rigward xi aspetti finanzjarji tal-FEMS li jiżdied mal-Approċċi Ġenerali parzjali konklużi f'Ġunju u f'Ottubru 2019.

**b) Lista mhux leġiżlattiva**

11632/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 11632/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Sajd

- |                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |                                                                                       |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------|
| 1.    Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook<br><i>Qbil fil-prinċipju</i><br><i>Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew</i><br><i>approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-14.10.2020</i> | [C]    11460/20 + ADD 1<br>+ <b>ADD 1 REV 1 (et)</b><br>11262/20<br>PECHE             |
| 2.    Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar is-Sajd fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook<br><i>Adozzjoni</i><br><i>approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-14.10.2020</i>                                     | [C]    11460/20 + ADD 1<br>+ <b>ADD 1 REV 1 (et)</b><br>11261/20<br>11271/20<br>PECHE |

Affarijiet Barranin

- |                                                                                                                                                                                                                        |                                                      |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------|
| 9.    Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2016/2382/PESK<br><i>Adozzjoni</i><br><i>approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-07.10.2020</i> | 11472/20<br>10068/20<br>+ <b>COR 1 (sk)</b><br>CORLX |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------|

SAJD

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

- |                                                                                                                                                                          |                                     |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------|
| 3.    Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2021<br>(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Art. 43(3) TFUE)<br><i>Qbil politiku</i> | [C]    11772/20<br>10274/20 + ADD 1 |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------|

## AGRIKOLTURA

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

4. **Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020**  11869/20 + ADD 1
- a) **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** 11604/20
- b) **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
- c) **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli** 11241/20
- Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq Approċċ Ġenerali dwar il-pakkett ta' riforma tal-PAK b'maġġoranza kwalifikata, bid-delegazzjoni Litwana tindika li ma setgħetx taċċetta l-pakkett u d-delegazzjoni Bulgara, Latvjana u dik Rumena jindikaw li ser jastjenu.

Il-pakkett ta' kompromess stabbilit fid-dokumenti 12148/20 + ADD1, 12151/20 u 12158/20 jirrappreżenta l-mandat ta' negozjar tal-Kunsill, li jippermetti lill-Presidenza tibda negozjati mal-Parlament Ewropew hekk kif jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu.

Il-Kunsill ħa nota tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn ċerti delegazzjonijiet u huwa stess adotta tliet dikjarazzjonijiet. Dawn huma annessi ma' dawn il-minuti.

Il-Kunsill ħa nota tat-talba tad-delegazzjoni Belġjana għal konferma mill-Kummissjoni li l-Artikolu 91 tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku ser jiġi interpretat bħala li jagħti l-possibbiltà lill-Belġju li jistabbilixxi u jippreżenta Pjanijiet Strateġiċi fil-livell reġjonali. Il-Kunsill innota wkoll li l-Kummissjoni dalwaqt ser tagħmel dikjarazzjoni dwar il-kwistjoni.

### Attivitajiet mhux leġislattivi

5. **Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt**  11822/20
- Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt.

**6. Agrikoltura**

**a) Proposti leġislattivi attwali**

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020:

 11702/20

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja) u l-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar l-elementi importanti tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni fir-rigward tal-ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, fisem id-delegazzjoni Bulgara, Kroata, Ċeka, Estonjana, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Pollakka, Rumena, Slovakka u dik Slovena*

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni ppreżentata mid-delegazzjoni Pollakka dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja) u l-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar l-elementi importanti tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni fir-rigward tal-ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027.

**b) Attivitàjiet lokali ta' tbiċċir u pproċessar**

 11796/20

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Ċeka, Finlandiża, Franċiża, Ungeriża, Pollakka u dik Rumena*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Ċeka, Finlandiża, Franċiża, Ungeriża, Pollakka u dik Rumena, dwar attivitàjiet lokali ta' tbiċċir u pproċessar. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

**c) Talba biex l-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-Saħħa tal-Annimali (2016/429) tiġi posposta b'sena**

 11867/20

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena, fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Bulgara, Ċeka, Franċiża, Taljana, Latvjana, Lussemburgiża, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka u dik Spanjola*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Rumena fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Bulgara, Ċeka, Franċiża, Taljana, Latvjana, Lussemburgiża, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka u dik Spanjola, dwar talba biex l-applikazzjoni tar-Regolament dwar is-Saħħa tal-Annimali (2016/429) tiġi posposta b'sena. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

## LAQGH TAT-TLIETA 20 TA' OTTUBRU 2020

### AGRIKOLTURA

#### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

4. (kontinwazzjoni) **Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020** **OC** 11869/20 + ADD 1
- a) **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK** 11604/20
- b) **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK** 11241/20
- c) **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**
- Approċċ ġenerali*
- Ara paġna 6.

#### Affarijiet oħra

7. a) Dikjarazzjoni Komuni mill-Kroazja, Franza, l-Ungerija, il-Latvja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri addizzjonali fis-settur taċ-ċanga u l-vitella b'konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19 11786/20
- Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, fisem id-delegazzjoni Kroata, Franċiża, Ungeriża, Latvjana u dik Spanjola*

- 
- O** L-ewwel qari
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- 2** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-



**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 11628/1/20 REV 1**

**Pakkett ta' riforma tal-PAK għal wara l-2020**

- a) **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
- b) **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
- c) **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**

*Approċċ ġenerali*

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 4:**

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA, ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-UNGHERIJA, IL-POLONJA, IR-RUMANIJA U S-SLOVAKKJA**

**dwar l-Għajnuna Nazzjonali Tranżizzjonali fil-Politika Agrikola Komuni futura:**

"L-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali hija strument li jipprovdi sigurtà lil setturi u bdiewa vulnerabbli, li għandhom hteġa reali li jissupplimentaw l-introjt tagħhom. Sabiex jiġi evitat it-telf tal-kompetittività u d-depopolazzjoni taż-żoni rurali, kif ukoll fid-dawl tad-differenzi persistenti fil-livelli tal-pagamenti diretti, qed nappellaw għall-preservazzjoni tal-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali fil-livell finanzjarju tas-sena 2020. F'dan ir-rigward, aħna ninsistu fuq l-inklużjoni tat-test dwar l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali mir-Regolament Tranżizzjonali (li jżomm is-setturi attwali u l-livell tal-għajnuna għal 50 % tal-baġit għas-sena 2013) għall-perijodu ta' programmazzjoni kollu sal-2027 fl-abbozz tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi, filwaqt li tiġi prevista l-possibbiltà li jinbidlu s-snin ta' referenza jew jiġu riveduti l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-pjanijiet strateġiċi.

Sabiex l-għajnuna tkun immirata aħjar aħna nqisu li huwa essenzjali li jkollna l-possibbiltà li naġġornaw is-snin ta' referenza sal-2018 u li nirvedu wkoll il-kondizzjonijiet. Għalhekk, l-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali ser tkun immirata u diretta aktar lejn il-kompetittività tal-azjendi agrikoli mingħajr ma tiġi pperikolata l-orjentazzjoni tas-suq.

L-għajnuna nazzjonali tranżizzjonali hija newtrali għall-baġit tal-UE u fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-oġettivi tal-PAK."

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA, IL-KROAZJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-UNGERIJA, IL-POLONJA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA U S-SLOVENJA  
dwar il-futur tal-appoġġ akkoppjat għall-introjt fil-Politika Agrikola Komuni**

"Ħafna setturi sensittivi fl-agrikoltura tal-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw diffikultajiet minħabba diversi fatturi. Is-sitwazzjonijiet fost l-Istati Membri jvarjaw skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat appoġġ adegwat għas-setturi kkonċernati biex tiġi evitata ħsara soċjoekonomika u ambjentali.

Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza tal-agrikoltura għas-soċjetà b'mod ġenerali. Il-produzzjoni agrikola fl-UE flimkien ma' suq intern u kummerċ internazzjonali li jiffunzjonaw huma ta' importanza ewlenija. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni rigward il-pandemija tal-COVID-19 uriet b'mod ċar kemm l-appoġġ akkoppjat volontarju huwa importanti għal ħafna setturi sensittivi fl-UE.

Ċerti setturi huma influwenzati minn volatilità għolja tal-prezzijiet tal-produtturi, kundizzjonijiet tat-temp li qed jinbidlu, tibdil fil-klima, u, fl-aħħar iżda mhux l-inqas, kriżijiet tas-suq. Ir-riżultat huwa profittabbiltà tal-produzzjoni inadegwata jew sostanzjalment inkonsistenti u tnaqqis gradwali fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli strateġikament importanti, li l-akkwist tagħhom iquieghed domanda għolja fuq l-għarfien espert u n-numru ta' ħaddiema u tagħmir teknoloġiku. Dan iwassal għal telf ta' impjiegi, mhux biss direttament marbuta ma' dawn il-prodotti, iżda wkoll fl-industrija tal-ipproċessar, flimkien mal-abbandun gradwali taż-żoni rurali. Fl-istess ħin, l-istruttura tal-għelejjel ikkultivati qed tinbidel, u dan irriżulta f'effett negattiv fuq il-fertilità tal-ħamrija, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma jew l-erożjoni."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-AWSTRIJA, IL-BULGARIJA, IL-KROAZJA, ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, FRANZA, L-UNGERIJA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA, IS-SLOVENJA U SPANJA  
dwar il-PAK futura rigward is-settur tal-inbid**

"L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja jirrikonoxxu l-idma importanti u effettiva mwettqa mill-presidenzi differenti sa mill-proposta għar-riforma tal-PAK ippreżentata mill-Kummissjoni aktar minn sentejn ilu. Bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali taħt il-Presidenza Ġermaniża, huma jixtiequ jfakkru fil-prijoritajiet tagħhom għas-settur tal-inbid.

Il-firmatarji jixtiequ jissottolinjaw li l-pandemija tal-COVID-19 qed tikkawża tfixkil sinifikanti tas-swieq agrikoli madwar l-Unjoni, u speċjalment tas-suq tal-inbid. Dan l-impatt ewlieni, li l-effetti tiegħu aktarx li ser ikunu fit-tul, juri l-ħtieġa kemm għal għodod ta' regolamentazzjoni fuq perijodu qasir kif ukoll għal dawk strutturali. F'dan il-kuntest partikolari, il-firmatarji jixtiequ jenfasizzaw ir-rabta tagħhom ma' tkabbir ordnat ta' tħawwil ta' dwieli, permezz ta' sistema Ewropea għall-ġestjoni tat-tħawwil ta' dwieli.

Huma jqisu li d-deregolamentazzjoni għorr riskju ta' produzzjoni żejda li twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet u l-introjt għall-operaturi fis-settur tal-inbid. Huma jinkwetaw li deregolamentazzjoni inugwali twassal għal industrijalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-inbid u għall-għajbien tal-azjendi tal-familja, li jgħaqqu flimkien ir-reġjuni rurali tagħhom. Huma jemmnu li r-regolamentazzjoni hija essenzjali biex jiġu protetti l-kwalità tal-prodotti u r-reputazzjoni tagħhom.

Din is-sistema hija għodda essenzjali għall-organizzazzjoni tas-suq tal-inbid: din ippermettiet l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-inbid u prodotti ġodda, l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet u żgurat l-introjt tal-produtturi. Il-ġestjoni tat-tħawwil tad-dwieli kkontribwiet ukoll għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-valur ekonomiku maħluq minn inbejjed ta' kwalità. Din is-sistema hija wkoll kompletament konformi ma' politika ta' żvilupp sostenibbli fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Għalhekk, il-firmatarji jqisu s-sistema regolatorja bħala parti essenzjali mill-mudell Ewropew għas-settur tal-inbid.

Il-ħtieġa tal-atturi ekonomiċi għall-viżibbiltà u l-istabbiltà fit-tul tirrikjedi li l-applikazzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil ta' dwieli tiġi estiża mingħajr dewmien wara l-2030.

Għal dan il-għan, il-firmatarji jfakkru li l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (COMAGRI) tal-Parlament Ewropew laħaq kompromess u f'April 2019 adotta emenda li testendi s-sistema attwali sal-2050. Għalhekk, bil-ksieb tat-trilogi li ġejjin, il-firmatarji jistiednu lill-Kunsill biex jimxi fid-direzzjoni ta' dan il-kompromess u japprova estensjoni tas-sistema.

Madankollu, il-firmatarji jirrikonoxxu li mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 feġġew sfidi ġodda li jistgħu jeħtieġu titjib fis-sistema attwali. B'mod partikolari, il-ħtieġa għall-installazzjoni ta' produtturi ġodda tal-inbid, il-preservazzjoni ta' produzzjoni ta' kwalità u r-rispons għall-ħtiġijiet tas-suq għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward. Huma konvinti wkoll li huma meħtieġa xi aġġustamenti sabiex tiġi żgurata aktar sussidjarjetà u adattament aħjar f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, il-firmatarji jqisu li l-abbozz ta' Regolament dwar il-Pjan Strateġiku jipprovdi qafas aktar adattat għal intervent fis-settur tal-inbid. Madankollu, huma jqisu li huwa meħtieġ li jiġi introdott aktar titjib fil-programmi ta' appoġġ nazzjonali futuri.

L-ewwel nett, l-appoġġ għall-investimenti fl-inbid jeħtieġ li jkun kemm estiż kif ukoll immirat aħjar. Il-firmatarji jappoġġaw:

- l-eliġibbiltà tal-investimenti vitikulturali, li jistgħu jkunu orjentati b'mod speċjali biex jitnaqqas l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u biex jiġi żgurati l-adattament u s-sostenibbiltà tal-vitikultura fir-rigward tat-tibdil fil-klima;
- L-Istati Membri għandhom jitħallew jiddedikaw appoġġ għal vinji fuq xaqliba wieqfa għall-investimenti speċifiċi li jeħtieġu;
- l-għoti tal-opportunità għax-xiri ta' makkinarju u tagħmir agrikolu sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni fil-vitikultura u titjeb l-effiċjenza tal-irziezet;
- il-possibbiltà li Stat Membru jimmodula l-livell ta' appoġġ skont id-daqs tal-kumpanniji;
- żieda tar-rata massima ta' appoġġ sa 75 % bħal fil-każ tal-appoġġ mill-FAEŻR.

Il-miżura ta' appoġġ għall-promozzjoni f'pajjiżi terzi teħtieġ ukoll li tiġi mmirata u mġedda biex tappoġġa aħjar lill-kumpanniji li qed jiffaċċjaw sfidi ta' esportazzjoni filwaqt li tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-UE:

- L-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw livell varjabbli ta' appoġġ skont id-daqs tal-kumpannija, sa rata żero għal kumpanniji kbar ħafna;
- L-Istati Membri m'għandhomx jitħallew jikkofinanzjaw ma' fondi nazzjonali;
- Madankollu, ir-rata massima ta' appoġġ tal-UE għandha tiżdied għal 70 %;
- Azzjonijiet għad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-suq għandhom ikunu eliġibbli;
- Barra minn hekk, il-ħolqien ta' miżura ġdida li tikkonsisti f'assistenza teknika għall-esportazzjoni għall-SMEs tista' tikkomplementa b'mod utli l-miżuri ta' promozzjoni f'pajjiżi terzi.

Il-programmi ta' appoġġ nazzjonali għandhom jitqiesu bħala għodda ewlenija biex il-vinji Ewropej isiru l-aktar vinji kompetittivi u effiċjenti minn perspettiva ambjentali. Għal din ir-raġuni, l-appoġġ għal azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-inbejjed tal-Unjoni mwettqa fl-Istati Membri għandu jiġi estiż għall-inbejjed organiċi jew għall-inbejjed prodotti taħt ċertifikazzjoni ambjentali.

Bħala konklużjoni, id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom is-settur tal-inbid u l-isfidi ambjentali u klimatiċi li qed jiffaċċja s-settur joħolqu l-ħtieġa aktar minn qatt qabel li jiġu mobilizzati l-programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid. Il-firmatarji huma għalhekk imħassba dwar it-tnaqqis fil-baġit propost mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-programmi nazzjonali ta' appoġġ għas-settur tal-inbid mill-2021 u jitolbu lill-Kummissjoni biex tirrieżamina l-proposta tagħha għall-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss."

#### **DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA, APPOĠĠATA MILL-KROAZJA, L-UNGERIJA, IL-LATVJA, IL-POLONJA, IR-RUMANIJA U S-SLOVAKKJA rigward il-PAK futura**

"Il-PAK futura għandha twassal għal tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli u intelliġenti fil-livell klimatiku. Hemm miżuri speċifiċi fil-PAK futura biex dan jiġi indirizzat. Sabiex il-potenzjal tal-bdiewa jissarraf bis-sħiħ, għandhom tassew jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti fi Stati Membri differenti.

Meta jitqies ukoll l-oġettiv tan-newtralità klimatika, diversi analiżijiet urew il-potenzjal enormi tat-trattament bil-ġir fiż-żieda tas-sekwestru tal-karbonju u l-protezzjoni tal-ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija aċiduża. Hemm korrelazzjoni qawwija bejn il-pH tal-ħamrija u l-karbonju organiku. F'żoni fejn il-ħamrija hija aċiduża, il-kontenut ta' karbonju organiku huwa aktar baxx. Dan jaffettwa l-biedja u l-funzjonament usa' tal-ekosistema.

Aħna nemmnu li huwa meħtieġ li jiġi massimizzat l-istokk tal-karbonju organiku fil-ħamrija. Għalhekk nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li t-trattament bil-ġir għandu jitqies bħala Prattika eliġibbli skont l-ekoskemi u l-impenji ambjentali, klimatiċi u ta' ġestjoni oħrajn.

Talba simili ġiet ippreżentata fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd ta' Novembru 2019."

**DIKJARAZZJONI MILL-MINISTRI GĦALL-AGRIKOLTURA TAL-GRUPP TA' VISEGRAD (IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-UNGERIJA, IL-POLONJA U S-SLOVAKKJA), IL-BULGARIJA, IL-KROAZJA, L-ESTONJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IR-RUMANIJA U S-SLOVENJA**

"Il-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad (*ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja*), *il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija u s-Slovenja*:

JILQGĦU l-ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021–2027 milħuq fil-21 ta' Lulju 2020 mill-kapijiet ta' stati u gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE. Dan il-ftehim jiddeċiedi dwar il-livell ta' finanzjament għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) u jwitti t-triq għall-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar ir-riforma tagħha;

JAPPREZZAW li l-kunsens dwar il-QFP żied l-ammont ta' fondi allokat li għall-PAK meta mqabbel mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea tal-2018. Madankollu, din ma tiggarrantixxix livell suffiċjenti ta' finanzjament għal din il-politika importanti tal-UE, b'kont meħud b'mod partikolari tal-importanza tal-kontribut tal-PAK fil-kisba tal-oġġettivi ambizzjużi tal-UE, inkluż in-negozjati li għaddejjin dwar ir-riforma tal-PAK;

IQISU li hemm hteġa li jinżamm u jissaħħa aktar il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-istrumenti eżistenti, li jikkontribwixxu għall-istabbiltà soċjali u ekonomika ta' xi setturi;

JEMMNU li t-trasformazzjoni lejn ekonomija agrikola sostenibbli hija meħtieġa biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku, inkluż l-oġġettivi tal-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-istrateġija għall-Bijodiversità. HUMA KONVINTI li l-livell ta' ambizzjonijiet speċifika fiż-żewġ strateġiji u l-livell tal-inklużjoni tagħhom fi pjanijiet strateġiċi futuri għandu jkun realistiku u jista' jinkiseb, allinjat mad-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-PAK, speċjalment mad-distribuzzjoni żbilanċjata tal-pagamenti diretti. JIDDISPJAĊIOM li l-miri stabbiliti mill-Kummissjoni ma ġewx diskussi kif xieraq fil-livell tal-UE qabel l-introduzzjoni tagħhom u li ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni tagħhom fuq is-settur agrikolu fl-UE. JENFASIZZAW li dawn l-inizjattivi ma jistax ikollhom impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-agrikultura tal-UE meta mqabbla mal-produzzjoni agrikola tal-pajjiżi terzi. JITOLBU li r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-oġġettivi tal-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tkun volontarja għall-Istati Membri u tqis is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat u l-progress li diġà sar fil-passat. JIDDUBITAW, f'dan il-kuntest, jekk l-arranġamenti dwar il-finanzjament tal-PAK jiggarrantixxux biżżejjed inċentivi għall-kontribut tal-agrikultura lejn il-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-istrateġiji relatati miegħu;

JENFASIZZAW li l-interventi li jissodisfaw parzjalment l-oġġettivi klimatiċi u ambjentali għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-kontribut tal-PAK għal dawn l-oġġettivi. JINDIKAW li l-kisba tad-delimitazzjoni u l-oġġettivi li jirriżultaw mill-istrateġiji relatati mal-Patt Ekoloġiku spiss tirrikjedi investiment sinifikanti, li fl-istess ħin ser ikollu effetti pożittivi kemm favur l-ambjent kif ukoll fuq il-produzzjoni; JEMMNU li l-appoġġ għal dan it-tip ta' investiment għandu jitqies bħala kontributorju għall-kisba tal-oġġettivi ambjentali u klimatiċi. JINNOTAW li żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona huma importanti wkoll għall-kisba tal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali u JQISU li dawn il-pagamenti għandhom jitqiesu b'mod xieraq bħala li jikkontribwixxu għal-livell limitu minimu ta' nfiq;

HUMA KONXJI tal-importanza tal-arkitettura ekoloġika fil-filosofija tar-riforma tal-PAK proposta mill-Kummissjoni, iżda JEMMNU li s-soluzzjonijiet adottati għandhom ikunu realistiċi, implimentabbli u komprensibbli għall-bdiewa, u li m'għandhomx joħolqu piż amministrattiv eċċessiv u r-riskju li jintilfu l-fondi. JENFASIZZAW li huwa essenzjali wkoll li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni klimatika u ambjentali u l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u jiġu pprovduti beni pubbliċi lis-soċjetà Ewropea;

JINNOTAW li r-riforma proposta tal-PAK ser iċċaqlaq l-enfasi minn fuq il-konformità u r-regoli lejn ir-riżultat u l-prestazzjoni u għalhekk, JENFASIZZAW il-ħtieġa għal flessibbiltà akbar biex jitqiesu l-ispeċifitàjiet nazzjonali u reġjonali fl-għażla tal-miżuri ambjentali;

JINNOTAW li l-ekoskemi proposti mill-Kummissjoni bħala parti mill-ewwel pilastru tal-PAK huma soluzzjoni ġdida, diffiċli biex jiġu pprogrammati u jgħorru magħhom inċertezza dwar l-iskala ta' interess min-naħa tal-bdiewa. F'dan il-kuntest, JOPPONU l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet li jnaqqsu l-flessibbiltà ta' dan l-istrument. JITOLBU approċċ flessibbli għall-implimentazzjoni tiegħu u għal miżuri li jipprevjenu t-telf ta' fondi f'każ ta' interess aktar baxx milli stmat f'din il-forma ta' appoġġ fost il-bdiewa;

JEMMNU li huwa meħtieġ li jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali u sproporzjonat tal-kontrolli tal-kundizzjonalità għall-azjendi agrikoli żgħar. HUMA KONVINTI li l-approċċ attwali wera li ma jipperikolax il-kisba ta' ambizzjonijiet ambjentali oġhla relatati ma' kondizzjonalità msaħħa;

JIĠBDU GĦALHEKK L-ATTENZJONI għall-importanza tar-regoli finali tal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM), li għandu jkun fih inċentivi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ambizzjużi ġodda, filwaqt li tiġi żgurata biżżejjed flessibbiltà biex jintgħażlu l-għodod adatti u biex jiġu evitati fondi mhux minfuqa. Barra minn hekk, JITOLBU proċessi oġġettivi u ċari fir-rigward tal-adozzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew il-valutazzjoni regolari tal-prestazzjoni;

JEMMNU li fid-dawl tat-tendenza negattiva tas-sinifikanza li qed tonqos tal-interventi tas-suq fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq agrikoli, huwa ta' importanza kbira li tiġi appoġġata organizzazzjoni aħjar tal-bdiewa permezz tal-introduzzjoni ta' strumenti ta' appoġġ settorjali, anke fl-hekk imsejħa setturi l-oħra. Madankollu, JINNOTAW li l-livell baxx attwali ta' organizzazzjoni ta' dawn is-setturi f'xi Stati Membri joħloq riskju li r-riżorsi tal-pagamenti diretti allokatati għal dan it-tip ta' appoġġ ma jistgħux jintużaw b'mod effiċjenti. JITOLBU soluzzjonijiet flessibbli li jiżguraw il-possibbiltà li dawn il-fondi mhux użati jiġu rimborżati lill-bdiewa f'forma ta' pagamenti diretti;

JINNOTAW il-fehim komuni mil-huq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar it-tul tal-perijodu tranżitorju biex titħejja r-riforma l-ġdida tal-PAK. IĦEĠĠU lill-Kummissjoni biex tkun miftuħa u tappoġġa lill-koleġiżlaturi fit-tħejjija ta' din it-tranżizzjoni bla xkiel;

JENFASIZZAW li d-dispożizzjonijiet relatati mal-eliġibbiltà tal-impenji fit-tul minn perijodi ta' programmazzjoni preċedenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-pjanijiet strateġiċi tal-PAK jenħtieġ li ma jiġux aġġustati għar-regoli tal-NDM;

JILQGĦU d-deċiżjoni li jiġu inklużi riżorsi finanzjarji min-Next Generation EU (NGEU) fit-tieni pilastru tal-PAK, peress li tali riżorsi għandhom ikunu element importanti ta' appoġġ finanzjarju għat-tisħiħ tal-azzjonijiet immirati lejn l-irkupru wara l-COVID-19 u l-appoġġ għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-agrikoltura u taż-żoni rurali. JEMMNU li tali riżorsi għandhom jiġu mobilizzati malajr kemm jista' jkun mingħajr piż amministrattiv eċċessiv, u għalhekk JAPPROVAW l-approċċ tal-Preidenza biex tiġi prevista l-possibbiltà li r-riżorsi tal-NGEU jintużaw fil-perijodu ta' tranżizzjoni bħala parti mill-istrumenti taħt il-programmi attwali ta' żvilupp rurali;

JISSOTTOLINJAW li sabiex jiġu pprovduti ċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà u tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fil-funzjonament tal-PAK, għandu jintlaħaq qbil dwar ir-regolament tranżizzjonali malajr kemm jista' jkun. JAPPELLAW lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni biex jaqblu malajr dwar il-modi futuri ta' integrazzjoni tal-fondi ta' rkupru fil-FAEŻR.

Barra minn hekk, il-Ministri għall-Agricoltura tal-Grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja) u l-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u r-Rumanija:

JINNOTAW li d-deċiżjoni dwar il-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti tfisser li fi tmiem il-perspettiva finanzjarja li jmiss ser għad ikun hemm differenzi sinifikanti fil-livelli tal-pagamenti diretti fost l-Istati Membri. JIVVALUTAW li dawn id-differenzi u ċirkostanzi oġġettivi oħra jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi identifikat il-kontribut tal-bdiewa lejn l-ilħuq ta' rekwiżiti ambjentali u klimatiċi ġodda."

## **DIKJARAZZJONIJIET TAL-KUNSILL:**

### **Dikjarazzjoni dwar l-għelejjel li fihom il-proteini**

"L-għelejjel li fihom il-proteini u l-legumi huma sors importanti ta' proteini għan-nutrizzjoni tal-annimali u għall-akkumulazzjoni tan-nitroġenu fil-ħamrija. Madankollu, il-produzzjoni tal-UE tal-proteini tal-pjanti tirrappreżenta biss parti żgħira ħafna mill-konsum totali fl-UE. Sabiex jingħelbu d-diffikultajiet ta' dan is-settur b'mod ekonomikament u ambjentalment tajjeb, l-appoġġ akkoppjat għall-introjtura jista' jkun inċentiv importanti biex jittejjbu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-kwalità ta' dan is-settur u biex tiżdied il-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini u l-legumi."

### **Dikjarazzjoni dwar is-simplifikazzjoni**

"Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu għas-simplifikazzjoni tar-regoli ta' ġestjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa, ir-reġjuni u l-Istati Membri u jenfasizza li l-ftehim politiku li ntlaħaq illum ma jimmarkax it-tmiem tad-diskussjonijiet dwar is-suġġett. Il-Kunsill jieħu nota li l-Preidenza Ġermaniża u dik Portugiża biħsiebhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-simplifikazzjoni tar-regoli ta' ġestjoni tal-PAK matul il-fażi tat-trilogu li ser tibda issa.

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tidentifika, qabel jew matul it-trilogi, modi biex jiġu ssimplifikati r-Regolamenti dwar il-Politika Agrikola Komuni fid-dawl tas-suġġerimenti magħmula mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew."

## **Dikjarazzjoni dwar il-possibbiltà li jiġu kkoreġuti żbalji**

"L-Artikolu 57 tar-Regolament Orizzontali jistabbilixxi li l-pieni imposti mill-Istati Membri għandhom ikunu effikaċi, dissważivi u proporzjonati. L-Artikolu 57 jipprovdi wkoll lista mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet fejn il-pieni ma għandhomx jiġu imposti mill-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu b'mod ċar lill-Istati Membri jistabbilixxu dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-possibbiltà li jikkoreġu l-iżbalji peress li dan jitqies ukoll bħala proporzjonat f'konformità mal-Artikolu 57(3) sakemm tali dispożizzjonijiet nazzjonali jirrispettaw ir-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni fl-Artikolu 57."

### **Dwar il-punt "B" nru 5:**

### **Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt *Approvazzjoni***

## **DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA**

### **dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt**

"Id-delegazzjoni Ungeriża taqbel li s-settur agrikolu għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, iżda tenfasizza li s-sinerġija mar-riforma li għaddejja tal-PAK kellha titwettaq permezz tal-proċedura regolatorja standard.

L-issodisfar ta' xi livelli limiti inkorporati fl-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, li tonqos milli tiddefinixxi l-linji bażi, jidher li huwa impossibbli li jinkiseb jew jista' jqiegħed piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri. Aħna nqisu b'mod speċjali t-tnaqqis ta' 50 fil-mija fl-użu ġenerali tal-pestiċidi kimiċi lil hinn mit-tnaqqis li diġà ntlaħaq u l-mira ta' 25 fil-mija ta' biedja organika bħala ambizzjużi żżejjed. Fil-każ tal-pestiċidi u l-fertilizzanti, il-miri tat-tnaqqis għandhom iqisu r-riżultati diġà miksuba u l-użu fattwali attwali ta' dawn is-sustanzi mill-Istati Membri.

L-Ungerija jiddispjaċiha li l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt ġiet ippubblikata mingħajr ebda valutazzjoni tal-impatti possibbli li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-miri. Għalhekk għad hemm inċertezza dwar kif tista' tinfluwenza l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej. L-Ungerija tqis li l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-oġettivi tal-PAK ibbażati fuq it-Trattat u l-oġettivi ambjentali u dawk marbuta mal-klima għadha ma ġietx indirizzata b'mod ċar s'issa.

Huwa tal-ikbar importanza li l-kontribut tal-Politika Agrikola Komuni għall-oġettivi tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt ikun ibbażat fuq kuntest legali sod u proporzjonat għall-fondi disponibbli. Il-bdiewa għandhom jikkonformaw biss mar-rekwiżiti li huma inkorporati fl-atti bażiċi jew f'leġislazzjoni rilevanti oħra tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali biss b'referenza għall-kriterji li għandhom bażijiet ġuridiċi xierqa. Jekk Stat Membru jagħżel opzjonijiet ta' politika differenti mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, dan ma għandu jinvolvi l-ebda konsegwenza legali fir-rigward tal-adozzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK."



## **DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

### **dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt**

"Rigward il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, ir-Repubblika Ċeka toħroġ dikjarazzjoni li tirrifletti l-pożizzjoni tagħha.

Ir-Repubblika Ċeka tiegħu nota tal-Komunikazzjoni ppubblikata mill-Kummissjoni - Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-orjentazzjoni ġenerali tal-Istrateġija u tixtieq taħdem għall-għanijiet tal-protezzjoni tal-ambjent, tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja filwaqt li tiżgura produzzjoni sostenibbli tal-ikel fl-UE. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tqis li l-miri speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea huma ambizzjużi ħafna u tibża' li l-kisba tagħhom ser ikollha impatt negattiv serju fuq il-kompetittività u l-produzzjoni tas-settur agroalimentari Ewropew kollu kemm hu.

Minħabba l-effetti potenzjali estensivi tal-Istrateġija, minkejja li mhijiex proposta leġislattiva, ir-Repubblika Ċeka tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi analiżi dettaljata tal-impatti possibbli fuq is-settur agroalimentari fi ħdan l-UE u fuq l-Istati Membri individwali. Huwa meħtieġ li jkunu magħrufa l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-miri ferm qabel ma tittieħed xi deċiżjoni sostanzjali.

Fid-dawl tat-tnejja ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull Stat Membru mill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis l-ispeċifitajiet nazzjonali tal-Istati Membri. B'mod partikolari l-isforzi preċedenti tagħhom biex jipproteġu l-ambjent, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u żoni oħra; il-progress li diġà sar u l-potenzjal għall-kisba tal-miri proposti."